


tal-anzjani tibqa' sfida u prijorità. L-Awtorità tal-Istandards għall-Persuni Anzjani (OPSA) twaqqfet biex tiżgura standards għoljin fil-kura, inkluż għal persuni bid-dimensja u għal dawk li jeħtieġu dipendenza għolja. Fl-istess ħin, issaħħu aktar spezzjonijiet regolari.

F'San Vinċenz de Paul ir-residenti raw titjib fil-kura grazzi għal investimenti f'tagħmir mediku ġdid, kliniċi, wards restawrati flimkien ma' farm terapewtiku u ġnien adattat għad-dimensja. Barra minnhekk żdied il-persunal b'madwar 15% kull sena biex jissodisfa d-domanda dejjem tikber. Wara li fl-2024 il-Ministru Jo Etienne Abela kien ħabbar li se jkun qed isir investiment u introdott MRI ġdid f'San Vincenz, fl-aħħar ġranet tħabbar li issa ġew konklużi dawn id-diskussjonijiet biex issa fix-xhur li ġejjin din ir-residenza se tneħħi l-iskariġġ li l-anzjani resident kellhom meta jiġu bżonn ta' eżaminazzjoni ta' MRI. Dan mhux biss se jkun qed jgħin lir-residenti f'San Vinċenz, imma wkoll se jagħti servizz lill-anzjani fil-komunità kif ukoll anzjani li huma residenti fi djar tal-anzjani oħra. B'hekk se jgħin biex tonqos faxxa kbira ta' nies minn fuq Mater Dei.

### Anzjanità attiva

Malta kienet pijuniera fil-politika ta' xjuħija attiva u tibqa' mexxejja f'dan il-qasam. Bejn l-2023 u l-2024 ġew imnedija diversi inizjattivi ġodda fosthom; Klinika multidixxiplinari f'Dar Padova, Għawdex; Estensjoni tas-servizz Silver T li jipprovdi trasport b'xejn lill-anzjani b'diffikultajiet ta' mobilità b'aktar minn 57,000 vjaġġ f'sena u nofs; żidiet fil-benefiċċji tal-'Home Helper of Your Choice' u l-'Carer at Home Scheme'; Tmien ċentri ġodda fil-komunita f'lokalitajiet bħall-Birgu, Bormla, Marsa u Fgura; Restawr kapitali ta' Dar il-Mistrieħ fil-Floriana bl-introduzzjoni wkoll ta' klinika multidixxiplinari ġdida; kif ukoll ġew imnedija numru ta' strateġiji nazzjonali ta' prevenzzjoni u kura favur l-anzjani tagħna.

Kif nafu, fl-aħħar snin il-Gvern mhux biss investa f'riżorsi u titjieb fis-servizzi offruti, imma wkoll ra li jtaffi l-piż minn fuq in-nies meta jiġu bżonn mediċini minħabba l-kundizzjoni tagħhom. Fl-aħħar snin kien hemm żieda fin-nefqa fil-mediċini - fl-2012 kien hemm madwar 190 mediċina fuq il-formularju tal-Gvern mentri llum dawn il-mediċini telgħu fuq l-1,000. Fl-aħħar ġranet, il-Ministru Abela ħabbar li l-medicina "Jardiance" issa se tkun qed tingħata wkoll b'xejn lill-pazjenti li għandhom xi kundizzjoni f'qalbhom. Din il-miżura se tgħin 'il fuq minn 3,800 persuna fis-sena.

Quddiem dan kollu, naraw stat determinat li jkompli jsaħħaħ il-faċilitajiet tas-saħħa u tal-anzjani eżistenti. Dan filwaqt li jinvesti f'oħrajn ġodda. L-għan jibqa' wieħed: li jonqsu l-listi ta' stennija u li kull ċittadin ikollu aċċess għal kura ta' kwalità għolja u servizzi effettivi viċin daru.

# Il-pożizzjoni tal-Malta Health Network (MHN): It-titjieb mixtieq

## – Chairperson Gertrude A. Buttigieg

Il-Malta Health Network (MHN), li tiġbor taħtha aktar minn 40 organizzazzjoni li joperaw fil-qasam tas-saħħa, tirrikonoxxi li s-sistema tas-saħħa f'Malta toffri firxa estensiva ta' servizzi, fosthom prevenzjoni, kura primarja, kura akuta u speċjalizzata, rijabilitazzjoni u wkoll kura terzjarja. Matul l-aħħar snin, saru diversi titjibiet fil-livelli kollha tal-kura, b'dawn is-servizzi offruti bla ħlas fl-isptarijiet pubbliċi. Dan japplika għal ħafna servizzi differenti.

Aċċess għall-mediċini: MHN wettqet diversi konsultazzjonijiet mal-membri tagħha u dejjem joħroġ il-punt tal-aċċess għall-mediċini, b'enfasi fuq dawk innovattivi, li jibqa' sors ta' tħassib għall-pazjenti. Dan mhux biss għal mediċini ġodda, iżda wkoll għal dawk ta' kuljum li xi drabi ma jkunux disponibbli u għalhekk jiġu sostitwiti b'marki oħra li xi drabi jitqiesu inqas effettivi mill-mediċina oriġinali. Problema oħra hi n-nuqqas ta' għażla għall-pazjent meta jiġu għall-mediċini għax is-sistema tagħti prijorità lill-ispiża minflok il-kura personalizzata u b'hekk il-pazjenti ma jkollhomx vuċi fl-għażliet tagħhom. MHN għalhekk tappella biex il-pazjenti jkunu rrappreżentati fil-bordijiet u l-entitajiet li jieħdu deċiżjonijiet dwar il-provvista tal-mediċini.

Il-Malta Community Chest Fund: Meta s-sistema pubblika tal-mediċini tonqos milli tilħaq il-bżonnijiet, ħafna jressqu talbiet għall-għajnuna mill-MCCF. Skont informazzjoni parlamentari, fl-2024 il-Gvern għadda mal-40 miljun ewro lill-MCCF biex jixtri mediċini. MHN ma topponix li f'każijiet speċjali jew urġenti il-pazjenti jirrikorru għall-MCCF, iżda meta mediċini li jintużaw minn ħafna pazjenti jkollhom jiġu ffinanzjati b'dan il-mod, il-proċess jista' jkun umiljanti u mhux xieraq. Għalkemm saru titjibiet f'ċertu mediċini bħall-mediċini tal-kanċer, il-problema tibqa' tikkonċerna mard ieħor ukoll. Barra minnhekk, il-proċess ta' applikazzjoni u approvazzjoni jwassal għal dewmien, spejjeż żejda u piż amministrattiv fuq il-kliniċi u l-MCCF.

Riċetti elettroniċi: MHN tħeġġeġ lill-awtoritajiet biex jagħmlu s-sistema ta' riċetti elettroniċi prattika standard. Permezz tal-portal myHealth, it-tobba jistgħu joħorġu riċetti online li l-pazjenti jistgħu jaċċessaw bil-eID tagħhom. Din is-sistema hija integrata mal-iskema tal-POYC, li tippermetti li l-mediċini jiġu distribwiti bla problemi fi spiżeriji rreġistrati.

Drittijiet speċifiċi għall-mard: Il-formularju nazzjonali tal-mediċini huwa bbażat fuq drittijiet skont id-dijanjosi (Skeda V). Dan jgħin biex il-fondi pubbliċi jintużaw b'mod effettiv, iżda jista' jħalli barra pazjenti b'kundizzjonijiet serji li ma jkunux elenkati u b'hekk jinħoloq inugwaljanza. Pereżempju, mediċina approvata għall-artrite rewmatojde tista' tkun utli għal mard awtoimmuni ieħor imma, jekk il-kundizzjoni l-oħra ma tkunx fuq il-lista, il-pazjent jista' ma jingħatax il-mediċina. Dan joħloq dilemmi klinika u etika: żewġ pazjenti, l-istess bżonn, iżda wieħed biss jikkwalifika. Xi drabi hemm proċessi għall-approvazzjoni ta' mediċini eċċezzjonali jew xiri personali, iżda dan jinvolvi ħafna burokrazija u ħin mitluf ta' konsulenti għal justifikazzjonijiet u dokumentazzjoni żejda, li wkoll jiswa l-flus. Jekk jitnaqqas il-piż burokratiku, x'aktarx ikun hemm iffrankar. Proposta oħra li tista' titqies bħala waħda kuraġġuża hija l-introduzzjoni ta' sistema fejn il-pazjent jew iħallas sehem mill-prezz tal-mediċini (co-payment), jew inkella jingħata lura parti mill-flus li jkun ħallas għall-mediċini li jixtri (reimbursement), jew saħansitra l-użu ta' vouchers simili għal dawk li diġà jintużaw f'oqsma oħra.

Il-professjonisti: Riżorsa ferm importanti fis-settur tas-saħħa huma l-professjonisti. Hemm bżonn isir pjan strateġiku biex aktar tfal u żgħażagħ jitħajjru jieħdu waħda mill-professjonijiet jew xogħolijiet fis-settur tas-saħħa. Huwa fatt magħruf li hemm nuqqas ta' ħaddiema fis-settur u dan qed iwassal biex jiġu jaħdmu Malta ħaddiema barranin, li fil-mument preżenti huma bżonjużi imma għall-futur tas-sostenibbilità tas-sistema tas-saħħa tagħna hemm bżonn li jerġa jkun hemm biżżejjed ħaddiema Malti fis-settur.

Huwa vitali li nsaħħu l-pedamenti tas-settur billi ninkoraġġixxu ż-żgħażagħ Maltin biex jidħlu f'dan il-qasam. Dan jista' jsir mhux biss permezz ta' kampanji ta' sensibilizzazzjoni fl-iskejjel u l-komunità, iżda wkoll billi jiġu offruti skemi ta' taħriġ speċjalizzat u kundizzjonijiet ta' impjieg aktar attraenti. Għandhom ukoll jiġu kkonsidrati opportunitajiet ta' żvilupp professjonali kontinwu u flessibilità fil-karrieri biex il-professjonisti Maltin jaraw il-futur tagħhom fis-settur tas-saħħa bħala wieħed stabbli, sod u ta' sodisfazzjon personali u professjonali.

Barra minnhekk, huwa kruċjali li jiġu offruti mezzi ta' appoġġ għall-professjonisti diġà fis-settur biex iħossuhom stmati u motivati biex jibqgħu jaħdmu f'Malta. L-investiment fil-ħaddiema tagħna mhux biss isaħħaħ is-sistema tas-saħħa, iżda joffri wkoll sigurtà u kontinwità ta' servizzi b'livell għoli għall-pazjenti Maltin. Għalhekk, investiment fit-tkabbir u ż-żamma tal-professjonisti Maltin illum ifisser sistema tas-saħħa aktar b'saħħitha għada.

Fl-aħħar nett, MHN tfakkar fil-bżonn tal-aħjar kura fil-ħin u d-dritt għal kwalità ta' ħajja b'dinjità. L-MHN tiddikjara li lesti li tikkollabora ma' kull entità pubblika jew privata biex jaħdmu flimkien għal ħajja aħjar u aktar dinjituża għall-pazjenti kollha.

Għal informazzjoni dwar l-MHN u l-membri tagħha żur www.maltahealthnetwork.org